Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16007/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0138 (COD)

TELECOM 564
CYBER 468
MI 1215
COMPET 1384
IA 319
CODEC 2201

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	10104/26 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-cloud u tal-IA (l-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat **il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-cloud u tal-IA** (l-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA) fit-3 ta' Ġunju 2026[1].

[1] Id-dokument 10104/26 + ADD 1.

2. L-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA, li huwa bbażat fuq l-Artikoli 114 u 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu l-għan li jindirizza d-disponibbiltà limitata u ġeografikament ikkonċentrata tal-kapaċità tal-computing fl-UE u r-riskji assoċjati mad-dipendenza fuq il-cloud u l-IA fornuti minn fornituri mhux Ewropej. L-objettivi speċifiċi tal-inizjattiva huma: (i) li żżid il-kapaċità tal-computing u tal-IA żviluppati u varati fl-UE permezz ta' teknoloġiji innovattivi u sostenibbli tal-Cloud u tal-IA; (ii) li tiżgura kundizzjonijiet attraenti għall-implimentazzjoni ta' kapaċità tal-computing sostenibbli u innovattiva fl-UE kollha; (iii) li tindirizza t-tħassib dwar is-sovranità tad-data u l-kontinwità operazzjonali tal-cloud u tal-IA; u (iv) li tgħin fil-ħarsien tal-ordni pubbliku billi tagħmel il-provvista tas-servizzi tal-cloud computing aktar reżiljenti, b'mod partikolari fis-settur pubbliku. Il-proposta għandha l-għan li tilħaq dawn l-erba' objettivi billi tissimplifika l-kundizzjonijiet għall-użu ta' ċentri tad-data fl-UE kollha, b'enfasi fuq faċilitajiet sostenibbli u innovattivi ħafna fuq l-iskala meħtieġa għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-UE; billi timplimenta qafas uniku għall-UE kollha biex tiġi vvalutata s-sovranità tal-cloud u tal-IA, filwaqt li żżomm il-biċċa l-kbira tas-suq tal-UE miftuħ għal sħab tal-istess fehma; u billi tipprovdi qafas għall-awtoritajiet kontraenti biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri u jisfruttaw is-saħħa tax-xerrej tagħhom lejn it-tnaqqis tad-dipendenzi eżistenti. Flimkien, dawn il-miżuri mistennija jgħinu biex jipproteġu l-applikazzjonijiet kritiċi u d-data sensittiva, u jappoġġaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati tal-cloud u tal-IA fl-Ewropa.

3. Il-pjan direzzjonali "Ewropa Waħda, Suq Wieħed", iffirmat mill-President tar-Repubblika ta' Ċipru, li rrappreżenta lill-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea fil-marġini tal-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern li saret f'Ċipru fl-24 ta' April 2026, jinkludi din il-proposta fost ir-riżultati tanġibbli ta' prijorità, b'mira għall-adozzjoni fir-raba' trimestru tal-2027.

4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) u l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) ġew assenjati bħala kumitati ewlenin f'konformità mal-proċedura ta' kumitat konġunt skont ir-Regola 58. Ġew innominati ż-żewġ korapporteurs: Diego SOLIER (Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej/ECR, Spanja) minn ITRE, u Reinier VAN LANSCHOT (Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea, in-Netherlands) minn IMCO. Minbarra ż-żewġ kumitati ewlenin imsemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ġew innominati bħala kumitati għal opinjoni, b'Sergey LAGODINSKY (Ħodor/ALE, il-Ġermanja) responsabbli għall-opinjoni tal-Kumitat JURI u Kristian VIGENIN (S&D, il-Bulgarija) responsabbli għall-opinjoni tal-Kumitat LIBE. Il-Parlament Ewropew qed jippjana li jadotta l-pożizzjoni tiegħu fis-27 ta' April 2027.

5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġew ikkonsultati dwar il-proposta, b'talbiet formali għal opinjonijiet mibgħuta liż-żewġ istituzzjonijiet fis-17 u t-30 ta' Settembru 2026, rispettivament. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-23 ta' Settembru 2026[2], filwaqt li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ntalab jippreżenta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tat-2 u t-3 ta' Diċembru 2026.

6. Fid-29 ta' Lulju 2026, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta[3].

II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

7. Fil-Kunsill, il-proposta ġiet allokata lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (minn hawn 'il quddiem: WP Telecom). L-eżami tal-proposta beda taħt il-Presidenza Ċiprijotta bil-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-10 ta' Ġunju 2026 u l-ewwel preżentazzjoni tat-test leġiżlattiv u l-valutazzjoni tal-impatt fid-WP Telecom fis-16 ta' Ġunju 2026.

---

2 SEC1043/2026.

3 Opinjoni tal-KEPD 14/2026.

8. Il-Presidenza Irlandiża kompliet bl-analiżi tat-test matul erba' laqgħat tad-WP Telecom fis-7 ta' Lulju, it-8 ta' Settembru, it-22 ta' Settembru u d-29 ta' Settembru, u lestiet l-ewwel qari sħiħ tal-proposta kollha. Barra minn hekk, il-Presidenza Irlandiża organizzat żewġ workshops online fil-21 ta' Settembru 2026 u l-5 ta' Ottubru 2026, li ppermettew lid-delegazzjonijiet, inkluż lill-esperti bbażati fil-belt kapitali, iqajmu mistoqsijiet speċifiċi u jfittxu kjarifiki ulterjuri direttament mill-Kummissjoni dwar it-test kollu tal-proposta. Wara l-ewwel workshop online, fit-23 ta' Settembru, il-Presidenza Irlandiża talbet lill-Istati Membri jipprovdu s-suġġerimenti ta' abbozzar u l-kummenti bil-miktub inizjali tagħhom dwar il-**Pilastru 3 (Awtonomija)**, li jkopri t-Titolu IV (l-Artikoli 16-44) u l-Annessi II u III tal-proposta. Abbażi tal-kontribut ippreżentat mill-Istati Membri, il-Presidenza Irlandiża abbozzat l-ewwel test ta' kompromess parzjali tal-proposta tal-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA li jkopri l-**Pilastru 3**, li ġie ppreżentat u diskuss fid-WP Telecom fl-10 ta' Novembru 2026. Fl-istess ħin, wara t-tieni workshop online, fil-5 ta' Ottubru 2026, il-Presidenza Irlandiża talbet lill-Istati Membri jipprovdu suġġerimenti u kummenti ta' abbozzar dwar il-partijiet tat-test li kien fadal, jiġifieri l-**Pilastru 1 (Attivitajiet tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni għall-ekosistema tal-cloud u tal-IA)** u l-**Pilastru 2 (Kapaċitajiet taċ-ċentri tad-data)**, kif ukoll dispożizzjonijiet ġenerali u finali (l-Artikoli 1-15, 44-48) u l-Anness I. Abbażi tal-kontribut li rċeviet mill-Istati Membri, il-Presidenza Irlandiża abbozzat it-tieni parti tal-ewwel test ta' kompromess li jkopri l-**Pilastri 1 u 2**, li ġie ppreżentat u diskuss fid-WP Telecom fl-24 ta' Novembru 2026. **B'dik il-preżentazzjoni u d-diskussjoni, il-Presidenza Irlandiża lestiet il-proċess tal-abbozzar tal-ewwel proposta ta' kompromess kollha tal-Kunsill tal-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA**. Sadanittant, l-Istati Membri ntalbu jipprovdu t-tieni ċiklu ta' suġġerimenti u kummenti ta' abbozzar, u abbażi ta' dan il-Presidenza Irlandiża biħsiebha tibda taħdem fuq it-tieni test ta' kompromess f'Diċembru, billi tibda mill-**Pilastru 3 (Awtonomija)**.

III. KWISTJONIJIET EWLENIN INDIRIZZATI FIT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

9. Il-kwistjonijiet ewlenin indirizzati mill-Presidenza Irlandiża fl-ewwel parti tal-ewwel proposta ta' kompromess dwar il-**Pilastru 3 (Awtonomija)** huma kif ġej:

a) **Proċess ta' rikonoxximent tal-livelli ta' assigurazzjoni tal-Unjoni** – il-Presidenza Irlandiża abbozzat mill-ġdid id-dispożizzjonijiet rilevanti biex tagħmel il-proċess ta' rikonoxximent tas-servizzi tal-cloud computing f'livelli speċifiċi ta' assigurazzjoni tal-Unjoni aktar ċar u biex tissimplifika t-terminoloġija użata biex tiddeskrivi l-proċedura. L-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex temenda l-kriterji għal-livelli ta' assigurazzjoni tal-Unjoni ġie espress b'mod aktar ristrett, biex tinħoloq eċċezzjoni fir-rigward ta' ċerti kriterji. Hemm ukoll artikolu ġdid fit-test li jiddeskrivi fid-dettall il-proċess ta' revoka tar-rikonoxximent ta' servizz tal-cloud computing.

b) **Pajjiżi terzi assoċjati** – il-Presidenza Irlandiża introduċiet bidliet fit-test biex tipprovdi aktar ċarezza dwar il-proċess tal-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi assoċjati. B'mod partikolari, it-test issa jiċċara l-konsegwenzi tar-revoka jew is-sospensjoni mill-Kummissjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jidentifika pajjiż terz bħala assoċjat, u jindika li tliet Stati Membri jew aktar jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tirrieżamina l-istatus assoċjat ta' pajjiż terz.

c) **Proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u awditi indipendenti minn partijiet terzi** – dawn il-partijiet tal-proposta ġew abbozzati mill-ġdid b'mod sinifikanti biex jittaffa l-piż għall-fornituri li jfittxu rikonoxximent tas-servizzi tal-cloud tagħhom f'livelli speċifiċi ta' assigurazzjoni tal-Unjoni u biex jiġu ċċarati l-proċeduri rilevanti. B'mod partikolari, ġie inkluż rekwiżit biex il-Kummissjoni tippubblika mudell uniformi standard għad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE, u ġie ċċarat li żbalji sostanzjali biss tal-fornituri għandhom iwasslu għar-revoka ta' opinjoni pożittiva ta' organizzazzjoni tal-awditjar. Ir-rekwiżit għall-fornituri li jissottomettu l-opinjoni tal-awditjar għal rieżami jkun jeħtieġ li jsir kull sentejn minflok kull sena. Il-Presidenza Irlandiża indikat ukoll fit-test ta' kompromess il-limiti massimi għall-multi amministrattivi li jistgħu jiġu imposti għall-ksur tad-dispożizzjonijiet dwar il-qafas tas-sovranità tal-cloud computing.

d) **Assistenza reċiproka u kooperazzjoni** – il-Presidenza Irlandiża inkludiet żewġ artikoli ġodda li fihom rekwiżiti biex tiġi żgurata s-segretezza professjonali u biex jintużaw sistemi affidabbli u siguri ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni għall-komunikazzjonijiet kollha skont id-dispożizzjonijiet dwar il-qafas tas-sovranità tal-cloud computing.

e) **Valutazzjonijiet tar-riskju** – is-sigurtà u d-difiża nazzjonali tħassru biex jiġi ċċarat li dawn iż-żewġt oqsma mhumiex koperti mid-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju. Barra minn hekk, it-test ta' kompromess neħħa l-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni meta ssib li l-livelli ta' assigurazzjoni tal-Unjoni identifikati għall-attivitajiet tas-settur pubbliku mill-Istati Membri ma jkunux xierqa. Dan ġie sostitwit b'rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, li għalihom l-Istati Membri huma obbligati jwieġbu fi żmien tliet xhur. Fl-aħħar nett, il-perjodu għal migrazzjoni obbligatorja għal servizz ieħor tal-cloud computing ġie estiż minn 12 għal 18-il xahar, bil-possibbiltà li l-Istat Membru jestendi dan il-perjodu b'mod eċċezzjonali.

f) **L-akkwist pubbliku u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal entitajiet tas-settur privat** – it-test ta' kompromess ġie modifikat biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku għall-entitajiet kontraenti koperti mid-Direttiva 2014/25/UE (kumpaniji privati li jakkwistaw skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku) peress li dawn is-setturi jitqiesu kritiċi għall-ordni pubbliku (eż. il-provvista tal-elettriku u tal-ilma). Fl-istess ħin, tħassret is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex testendi għas-settur privat ir-rekwiżit li jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju permezz ta' att delegat. Barra minn hekk, it-test ta' kompromess jiċċara li l-kriterju tal-ordni pubbliku japplika wkoll għal-livell 1 ta' assigurazzjoni tal-Unjoni.

g) **Il-valur miżjud tal-UE u l-monitoraġġ tal-akkwist tal-innovazzjoni fil-cloud u l-IA** – id-dispożizzjonijiet dwar dawn iż-żewġ elementi ġew modifikati biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-qafas eżistenti tal-akkwist pubbliku tal-UE. Barra minn hekk, sabiex jinkiseb tnaqqis fil-piż, il-Presidenza Irlandiża pproponiet li titnaqqas il-frekwenza tar-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar l-użu tagħhom tal-akkwist tal-innovazzjoni fis-servizzi tal-cloud computing u fis-sistemi tal-IA minn kull sena għal kull tliet snin, u li jitneħħa l-perċentwal eżatt indikat għall-Istati Membri bħala objettiv li għandu jiġi segwit fir-rigward tal-akkwist innovattiv għas-servizzi tal-cloud computing u għas-sistemi tal-IA.

h) **Il-federazzjoni tal-cloud Ewropea għas-settur pubbliku** – il-Presidenza Irlandiża ċċarat li l-federazzjoni tal-cloud Ewropea għas-settur pubbliku (EuroCloud) għandha l-għan li tiġbor flimkien l-inizjattivi eżistenti u li l-parteċipazzjoni hija volontarja. Ġie speċifikat ukoll liema miżuri għandhom jistabbilixxu s-servizzi ta' kondiviżjoni tal-entitajiet biex jiżguraw forniment effettiv, sigur u reżiljenti tas-servizzi, u żdiedu elementi addizzjonali dwar il-ħtieġa li l-Kummissjoni tiġi infurmata dwar bidliet materjali u l-possibbiltà li l-Kummissjoni tirtira l-awtorizzazzjoni għall-kondiviżjoni tas-servizzi.

10. Matul il-ħidma li għaddejja fuq it-tieni parti tal-ewwel proposta ta' kompromess dwar il-**Pilastru 1 (Attivitajiet tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni għall-ekosistema tal-cloud u tal-IA), il-Pilastru 2 (Kapaċitajiet taċ-ċentri tad-data)** u dwar dispożizzjonijiet ġenerali u finali, il-Presidenza Irlandiża indirizzat il-kwistjonijiet li ġejjin:

a) **Inizjattivi ta' Tmexxija tal-Cloud u tal-IA** – il-Presidenza Irlandiża ċċarat id-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament għall-Inizjattivi tal-Cloud u tal-IA u għamlitha espliċita fit-test li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-inizjattivi ma jinbidilx bid-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni.

b) **Strateġiji nazzjonali tal-cloud u tal-IA** – it-test ta' kompromess jagħmilha ċara li sabiex jikkonformaw mar-rekwiżit li jistabbilixxu strateġiji nazzjonali tal-cloud u tal-IA, l-Istati Membri għandhom l-opzjoni li jerġgħu jużaw l-istrateġiji nazzjonali eżistenti dment li dawn l-istrateġiji jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fl-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA. Dawk ir-rekwiżiti ġew kemxejn modifikati biex jipprovdu aktar flessibbiltà għall-Istati Membri u biex jiżguraw konsistenza mal-Istrateġija dwar is-Sors Miftuħ.

c) **Proġetti ta' prijorità tal-IA pijuniera** – il-Presidenza Irlandiża ċċarat li l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw li jiġu allokati biżżejjed riżorsi tal-computing tal-IA mill-kapaċitajiet tal-computing tagħhom biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti ta' prijorità tal-IA pijuniera japplika biss għall-Istati Membri li jipparteċipaw f'dawk il-proġetti.

d) **Żoni ta' aċċellerazzjoni għaċ-ċentri tad-data** – bil-bidliet proposti mill-Presidenza Irlandiża, l-iskadenza għall-Istati Membri biex jiddeżinjaw żona ta' aċċellerazzjoni għaċ-ċentri tad-data ġiet estiża minn sitt xhur għal 12-il xahar u ġie ċċarat x'ikun mistenni mill-Istati Membri mingħajr żona ta' aċċellerazzjoni għaċ-ċentri tad-data wara l-perjodu ta' 12-il xahar. Barra minn hekk, il-lista ta' elementi li għandhom jitqiesu mill-Istati Membri meta jiddeżinjaw żoni ta' aċċellerazzjoni ġiet estiża bi ftit.

e) **Proċessi tal-ħruġ tal-permessi** – il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi ġiet allinjata aħjar ma' dik użata fil-proposta għall-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali.

f) **Proġetti strateġiċi taċ-ċentri tad-data** – il-proċeduri għad-dežinjazzjoni ta' proġetti strateġiċi taċ-ċentri tad-data mill-Kummissjoni, u għall-irtirar ta' tali dežinjazzjoni, ġew riveduti biex jiġi żgurat involviment aktar attiv tal-Istati Membri kkonċernati.

g) **Data tal-applikazzjoni** – sabiex l-Istati Membri jingħataw aktar żmien biex iħejju għall-faża ta' implimentazzjoni, il-Presidenza Irlandiża estendiet id-data tal-applikazzjoni tal-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA, minn 12 għal 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ.

IV. KWISTJONIJIET PENDENTI

11. Wara l-analiżi tal-ewwel parti tat-test ta' kompromess dwar il-**Pilastru 3 (Awtonomija)** fid-WP Telecom fl-10 ta' Novembru 2026, il-valutazzjoni tal-Presidenza hija li diversi kwistjonijiet ser jeħtieġu aktar ħidma. B'mod partikolari, ser ikun meħtieġ li: i) titnaqqas il-kumplessità tal-arkitettura tar-rikonoxximent u jitneħħew id-duplikazzjonijiet u l-konġestjonijiet potenzjali, eż. f'każijiet ta' kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti; ii) jissaħħu r-raġunijiet ġustifikattivi għall-akkwist ta' servizzi tal-cloud computing li jipprovdu ċertu livell ta' assigurazzjoni, għall-protezzjoni tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha; iii) jiġu ċċarati l-eżenzjonijiet nazzjonali għas-sigurtà u d-difiża, eż. abbażi tal-formulazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Att dwar l-IA; iv) jiġu speċifikati ulterjorment id-dispożizzjonijiet dwar il-penali biex jiġi żgurat li dawn ma jkunux sproporzjonati għall-SMEs; v) ikun hemm riflessjoni dwar il-grad ta' involviment tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fil-proċess ta' rikonoxximent tas-servizzi tal-cloud f'livelli speċifiċi ta' assigurazzjoni tal-Unjoni; vi) jiġu kkunsidrati mill-ġdid ir-raġunijiet ġustifikattivi għad-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni f'xi każijiet, eż. fl-Artikolu 17 fir-rigward tas-setgħa tal-Kummissjoni li tiddetermina jekk l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tistax tadotta d-deċiżjoni tar-rikonoxximent; vii) jiġu allinjati ulterjorment id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA ma' dawk tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2 li jmiss u l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku li jmiss; viii) ikun hemm riflessjoni dwar id-diversi skadenzi stabbiliti fir-regolament, eż. l-iskeda ta' żmien għall-migrazzjoni lejn servizz ieħor tal-cloud li tista' tkun meħtieġa wara valutazzjoni tar-riskju; ix) jiġi ċċarat aħjar xi tfisser "innovazzjoni fis-servizzi tal-cloud computing u fis-sistemi tal-IA" fil-kuntest tal-akkwist pubbliku ta' tali servizzi; x) titqies iż-żieda ta' rekwiżit għall-Kummissjoni biex toħroġ gwida dwar l-użu ta' kriterji ta' valur miżjud tal-Unjoni fl-akkwist pubbliku.

12. It-tieni parti tat-test ta' kompromess dwar il-**Pilastru 1 (Attivitajiet tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni għall-ekosistema tal-cloud u tal-IA) u l-Pilastru 2 (Kapaċitajiet taċ-ċentri tad-data)** ġiet diskussa fid-WP Telecom fl-24 ta' Novembru 2026. Abbażi ta' din id-diskussjoni, il-Presidenza identifikat kwistjonijiet addizzjonali li ser jeħtieġu aktar ħidma. B'mod partikolari, ser ikun meħtieġ li: i) tiġi kkunsidrata l-inklużjoni possibbli ta' eżenzjoni nazzjonali għas-sigurtà u d-difiża fl-Artikolu 1 (Suġġett); ii) jiġi ċċarat ulterjorment kif iċ-Ċentri proposti għall-IA ser joperaw fil-prattika, u x'ser tkun ir-relazzjoni tagħhom maċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali eżistenti; iii) ikun hemm riflessjoni dwar kif issir referenza għal sorsi potenzjali ta' finanzjament tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Inizjattivi ta' Tmexxija tal-Cloud u tal-IA; iv) tiġi vvalutata mill-ġdid il-proposta attwali biex il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda l-Anness I dwar l-isfidi l-kbar permezz ta' atti delegati; v) tiġi żgurata enfasi aktar b'saħħitha fuq ir-reżiljenza u ċ-ċibersigurtà fid-deskrizzjoni tal-isfidi l-kbar fl-Anness I u fit-test kollu; vi) ikun hemm riflessjoni ulterjuri dwar l-obbligu propost għall-Istati Membri li jistabbilixxu strateġiji nazzjonali tal-cloud u tal-IA; vii) jiġi ċċarat x'għandu jkun l-iskattatur għall-obbligu li tiġi stabbilita żona ta' aċċellerazzjoni għaċ-ċentri tad-data u jiġi kkunsidrat jekk id-dežinjazzjoni ta' tali żoni tistax issir fakultattiva għall-Istati Membri; viii) jiġu pprovduti kjarifiki ulterjuri dwar kif il-permessi fil-livell taż-żona proposti jaħdmu fil-prattika għal żoni dežinjati ta' aċċellerazzjoni għaċ-ċentri tad-data; u ix) jiġu riveduti d-dati proposti skont l-approċċ gradwali għad-dħul fis-seħħ tal-partijiet differenti tar-regolament.

V. KONKLUŻJONI

13. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill mistieden jieħu nota tal-progress li sar fl-eżami tal-proposta.